# Q O R T I   Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 5 ta' Lulju 2018**

**Rikors Ġuramentat Nru. 195 / 14RGM**

**Kawża fil-lista: 21**

**A B C DD B C**
**vs**
**E F G B – H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti izzewgu gewwa l-Egittu fis-16 ta' Awwissu 2006, minn liema zwieg huma kellhom tifel bl-isem Zidan F G B – H, li twieled gewwa r-Renju Unit fl-10 ta' Marzu 2007 u dan kif johrog car mic-certifikat tat-twelid mahrug mir-Registru Pubbliku tar-Renju Unit. Illi wara z-zwieg taghhom il-kontendenti kienu stabilixxew ir-residenza taghhom gewwa Londra.

2. Illi l-esponenti hija fdata esklussivament bil-kura u l-kustodja tal-minuri Zidan F G B – H;

3. Illi z-zwieg tal-esponenti ma kien xejn felici, stante illi hija kienet sogetta kemm-il darba ghal vjolenza domestika, tghajjir, u inguri fil-konfront taghha, liema vjolenza, tghajjir u inguri kienu jsehhu kostantament sahansitra anki waqt li hija kienet tqila bl-hawn fuq imsemmi minuri Illi minhabba dan l-esponenti kellha taghmel zmien toqghod mal-genituri tal-intimat li kienu zammew lill-istess

esponenti u lill-binha minhabba li bdew jibzaw ghall-inkoluminita taghha. Illi dan iz-zwieg ma kienx frott ta' imhabba imma kien zwieg li sar b'arrangament bejn il-familji tal-kontendenti.

4. Illi sussegwentement fil-21 ta' Lulju 2007 l-esponenti, li hija ta' nazzjonalita Egizzjana, kienet marret fuq btala gewwa l-Egittu ghaz-zwieg ta' hu r-ragel taghha flimkien ma' familjari tar-ragel taghha, u waqt li kienet hemm il-familjari tar-ragel taghha kienu hadulha il-passaport taghha u tal-minuri u reghhu telqu lura Londra bil-passaport b'kollox, u b’dan huma impedixxu lill-esponenti milli terga tmur tirrisjedi Londra. Illi dan kollu gara meta il-minuri kellu biss 4 xhur.

5. Illi l-esponenti kienet baqghet tghix gewwa l-Egittu flimkien ma’ binha sas-sena 2011 ossija sakemm hija u binha ttrasferixxu r-residenza taghhom gewwa Malta, liema 4 snin l-intimat qatt ma indenja ruhu lanqas biss icempel lill-ibnu ahseb u ara immur izuru gewwa l-Egittu.

6. Illi sussegwentament l-intimat kien ottjena divorzju minn ma’ martu fl-10 ta’ Frar 2008 gewwa l-Egittu, liema divorzju kien sar fl-assenza tal-esponenti li lanqas biss kienet prezenti ghall-proceduri, bl-ebda mod ma giet stabilita retta alimentari u/jew xi forma ohra ta' manteniment li l-missier kellu jhallas lill-esponenti ghall-ibnu.

7. Illi l-mittenti sussegwentament ittrasferit ir-residenza taghha flimkien ma’ ta’ binha gewwa Malta, u Malta huwa l-pajjiz fejn binha jattendi l-iskola, imur ghall-attivatijiet, extra-skolastici, ghandu l-hbieb u l-familjari u sahanisittra tghallem jitkellem bil-Malti sew u dan stante illi ghex nofs hajtu gewwa Malta.

8. Illi l-intimat tul il-hajja kollha ta’ ibnu qatt ma kkontribwixxa volontarjament ghall-ghejxien jew is-sahha ta’ ibnu, u bl-ebda mod ma qatt ta xi forma ta' manteniment. Illi l-omm ilha tul dawn is-snin kollha tipprova tghajjex lil binha wahedha u minghajr ebda sapport jew ghajnuna finanzjarja minghand il-missier.

9. Illi sfortunatament il-minuri jbati minn acute pneumonia kronika, li effettivament hija forma ta’ asthma serja hafna li sahansittra gieli wasslet lill-minuri sabiex jigi rikoverat fl-isptar.

10. Illi minkejia illi l-intimat gie interpellat prermezz ta' ittra ufficjali tal-25 ta' Marzu 2014, sabiex; jersaq ghall-likwidazzjoni ta’ manteniment gust u xieraq li huwa ghandu jhallas ghall-minuri huwa xorta wahda baqa’ inadempjenti u ghalhekk l-esponenti ma kelliex triq ohra hlief li tintavola l-proceduri odjerni.

11. Illi permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti nru. 1450/2014, l-esponenti inghatat l-awtorizazzjoni sabiex tipprocedi bir-rikors guramentat.

12. Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment u qeghda tikkonfermahom bil-gurament taghha.

Ghaldaqstant l-esponenti qeghda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna taqta' u tiddeciedi l-kawza billi;

1. Tiffissa rata ta' manteniment mensili li l-intimat E F G B - H ghandu jibda ihallas lill-esponenti ghat-tifel minuri Zidan F G B - H u tordna lill-intimat E Mohrammed G B - H sabiex ihallas dak il-manteniment iffissat minn din l-Onorabbli Qorti lill-esponenti.

2. Tillikwida somma dovuta lill-esponenti rapprezentanti l-arretrati ta' manteniment dovuti lill-esponenti u tordna lill-intimat E F G B -H sabiex ihallas somma hekk likwidata minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tordna lil E F G B – H sabiex ihallas sehem mill-ispejjez tas-sahha, edukazzjoni, attivitajiet extra-kurrikulari li l-esponenti tonfoq fuq il-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi permezz tal-prezenti l-esponenti qieghed jaghti ruhu b'notifikat bl-atti ta' dina l-kawza;

2. Illi l-kontendenti kienu izzewgu fl-Egittu Alexandria, nhar is-sittax (16) ta' Awwissu elfejn u sitta (2006) liema zwieg qatt ma kien gie rregistrat ir-Renju Unit;

3. Illi l-partijiet isseparaw u gie anki pronunzjat divorzju bejn il-partijiet mill-Qorti gewwa Alexandria, fl-Egittu ;

4. Illi mill-imsemmi zwieg twieled il-minuri G B H.

5. Illi id-divorzju u s-separazzjoni mhumiex mertu tal-kawza hekk kif jidher mit-talbiet tal-attrici;

6. Illi l-partijiet kienu irregolaw l-kura u l-kustodja kif wkoll l-manteniment tal-minuri permezz ta' kuntratt awtorizzat mill-Qorti li tinsab fl-Alexandria, l-Egittu;

7. Illi ai termini tal-istess kuntratt il-kura u l-kustodja hija fdata f'idejn l-omm u habitual residence tal-minuri kellha tkun dik indikata fl-Egittu;

8. Illi ai termini ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Alexandria fl-ismijiet E F G B H vs A BC Alsayed jidher car illi l-attrici giet zvestita mill-kura u l-kustodja tal-minuri stante li hija zzewget u l-kura u l-kustodja giet vestita f'omm l-attrici, Zeineb Ibrahim F.

9. Illi ghaldaqstant in vista tad-dokumenti hawn fuq riferiti u annessi mal-istess risposta dina l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni li tisma' l-kaz stante li l-Qorti li ghandha l-gurisdizzjoni li tisma' l-kaz hija dik ta' Alexandria, l-Egittu.

10. Illi l-fatt li l-attrici gabet il-minuri hawn Malta meta lanqas biss ghandha l-kura u l-kustodja tal-minuri huwa kontra l-Ordni tal-Qorti Egizzjana u l-attrici taf li tista' taffaccja proceduri kontra taghha talli kisret l-Ordni tal-istess Qorti;

11. Illi l-allegazzjonijiet kollha moghtija mil-attrici huma infondati u minghajr bazi legali;

12. Illi hekk kif jidher mid-dokumenti li gew wara d-divorzju hija nghatat somom u rendita ta' manteniment;

13. Illi l-esponenti dejjem ta r-rendita' ta' manteniment sakemm l-istess attrici kienet vestita bil-kura u l-kustodja tal-minuri;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija ingunta minn issa in subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attrici anness ma' nota pprezentata fit-3 ta' Lulju 2015, u l-kontro-ezami taghha li sar fis-seduta mizmuma fil-21 ta' April 2016 mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza fl-ismijiet inversi tal-1 ta' Marzu 2017 u c-certifikat mid-Deputat Registratur b'konferma li ma gie pprezentat ebda appell minnha, annessi ma' nota tal-konvenut ipprezentata fit-3 ta'Novembru 2017;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenutipprezentata fis-6 ta' Marzu 2018 u dik tal-attrici pprezentata fit-28 ta' Mejju 2018;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-17 ta' Mejju 2018 meta il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni preliminari ta' karenza ta' gurisdizzjoni.

**Il-PROVI.**

L-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fil-25 ta' Gunju 2015,[1] iddikjarat li zzewget lill-konvenut f'Alessandria, fl-Egittu fis-16 ta' Awwissu 2006 u kellhom tifel Zidan Ali, li twieled fl-10 ta' Marzu 2007. Fil-bidu taz-zwieg taghhom kienu jghixu t-tlieta fir-Renju Unit, pero' meta t-tifel kellu erba' xhur, fl-20 ta' Lulju 2007 omm il-konvenut u ohtu sforzawha biex tmur vaganza fl-Egittu, izda meta waslet hemm omm r-ragel hadetilha il-passaport taghha u tat-tifel u ghalhekk kienet kostretta tibqa' l-Egittu mentri omm ir-ragel u ohtu rritornaw fir-Renju Unit. Hi tghid li giet kostretta tirritorna fl-Egittu billi l-familja ta' zewgha kienu jibzghu li jigrilha xi haga billi zewgha kien jabbuza minnha fizikament anke meta kienet tqila bit-tifel.

Meta kienet tghix fir-Renju Unit hi kellha biss permess ghar-residenza hemmhekk, hi ghandha biss ic-cittadinanza Egizzjana, mentri zewgha kellu 'dual citizenship'.

Hi baqghet tghix fl-Egittu ma' binha mit-2007 sat-2011 u zewgha qatt ma pprova jikkomunika maghha u qatt ma mar jara lit-tifel. Binha lanqas jaf lil missier u hi kienet qed tghix f'appartament propjeta' ta' missier ir-ragel. Il-familja tar-ragel inviztaw lit-tifel tlett darbiet biss u dan wara li zewgha rega' zzewweg u kellu tifel iehor.

Dwar il-ftehim markat Dok B anness mar-risposta tal-konvenut, tghid li zewgha kellu jipprovdilha post fl-Egittu fejn hi kellha trabbi lit-tifel, ma kienux ftehmu li r-residenza tat-tifel kellha tkun fl-Egittu, billi hi kellha l-kura u kustodja tieghu u kienet libera li tiddeciedi hi fejn kellu jirrisjedi t-tifel. Zewgha ma ried bl-ebda mod li jkollu kuntatt mat-tifel, li seta' jirrisjedi kullimkien basta mhux f'Londra.

Hi tghid li kellha tiffirma d-divorzju billi kienet 'stranded in Egypt' u ma kellhiex triq ohra hlief li tiffirma biex tassikura post fuq rasha ghaliha u ghal binha, u dhul minimum biex trabbih.

---

[1] Fol 116 et seq.

Zewgha qatt ma ipprova jikkomunka mat-tifel l-anqas meta informatu li hadet lit-tifel Londra ghall-kura billi jsoffri mill-asthma. Waqt li kienet fl-Egittu ma' binha ghal hames snin shah, il-konvenut qatt ma cempel biex jistaqsi dwar it-tifel, dan ghall-attrici kien ifisser li l-konvenut kien effettivament irrinunzja ghal kull dritt li jopponi ghad-decizjoni taghha li ssiefer bit-tifel.

Fit-2011 kien hemm rivoluzzjoni fl-Egittu li ma baqghax post sigur, u l-attrici ddecidiet fl-ahjar interess taghha u ta’ binha li titlaq mill-Egittu. Zewgha l-anqas waqt r-rivoluzzjoni ma cempel biex jistaqsi dwar it-tifel. Meta telqet mill-Egittu l-attrici tghid li kellha l-kura u kustodja esklusiva tat-tifel. Qabel telqet mill-Egittu tkellmet ma' missier il-konvenut li taha l-parir li tibda tghix hajjitha kif xtaqet hi. F’dan iz-zmien zewgha gja’ kellu zewgt itfal ohra mit-tieni mara. Missier r-ragel kien qalilha li l-familja tieghu ma xtaqhux li jkollhom b’xi mod x’jaqsmu mat-tifel u l-attrici tghid li hi dan irrealizzatu billi f’erba’ snin inviztawh fi tlett okkazjonijiet biss.

Ir-residenza tat-tifel Zidan hi f’Malta, ilu jghix f’Malta minghajr interruzzjoni minn mindu kellu erba’ snin, illum ghandu tmien snin. L-ewwel gurnata tal-iskola tieghu kienet f’Malta, fejn ghadu jattendi; l-kondizzjoni medika tieghu qed tigi segwita mill-Paediatric Department tal-Mater Dei; jattendi ghal diversi attivitajiet extra-kurrikulari f’Malta u l-hbieb tieghu huma kollha f’Malta. It-tifel prattikament nesa li kien jghix fl-Egittu.

L-attrici tghid li ghalkemm l-email address u l-iskype contact taghha ma nbidlux, il-konvenut f’erba snin qatt ma pprova jikkomunika maghha jew mat-tifel. Billi hi u binha jirrisjedu f’Malta l-attrici hi tal-fehema li huma il-Qrati Maltin li ghandhom jiddecidu kwistjonijiet dwar t-tifel.

L-attrici tghid li ma kellhiex bzonn il-permess ta’ zewgha biex tigi f’Malta. Tghid li ma taccettax id-decizjoni tal-Qorti fl-Egittu billi hi ma nghatatx il-possibilta’ li tiddefendi l-kaz taghha. Is-sentenza prattikament tghid li billi regghet izzewwget wara d-divorzju, tilfet il-kura u kustodja tat-tifel li nghatat lill-ommha. Ghaliha din s-sentenza mhiex accettabbli billi hi ghandha dritt ghall-familja, ghandha d-dritt li tiehu hsieb binha, kif ghamlet f’dawn l-ahhar 8 snin. Il-fatt li zzewwget ragel iehor ma jfissirx li hi ghandha titlef l-awtorita’ parentali fuq binha. Ironikament dan r-ragel l-iehor qed jrabbi lit-tifel daqs li kien ibnu.

L-attrici tghid li zewgha naqas li jhallas manteniment ghal diversi snin ghalkemm jghix fir-Renju Unit u ghandu dhul konsiderevoli. Ghall-ewwel snin wara d-divorzju hu kellu jhallas biss l-ekwivalenti ta’ €50 fix-xahar li mhux sufficjenti biex trabbi tifel. Tghid li zewgha iridha tfittxu fl-Egittu ghax jaf li jigi ordnat ihallas anqas minn Qorti fl-Egittu.

It-tifel Zidan jghix f'Malta, l-ispejjez tieghu jsiru f'Malta, u l-manteniment ghandu jkun relatat mal-ispejjez ghall-hajja f'Malta u mhux fl-Egittu billi l-missier ghandu l-mezzi biex ihallas tali manteniment. L-attrici tghid li hi qed tiehu hsieb it-tifel u thallas ghall-ispejjez tieghu, hi f'Malta ghandha il-kura u kustodja tat-tifel u ghalhekk hi ghandha tircevi l-manteniment billi hi qed thallas ghall-ispejjez tieghu.

L-attrici xehdet in kontro-ezami fis-seduta tal-21 ta' April 2016 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju.[2] Hi ddikjarat li ghixet il-maggior parti ta' hajjitha fl-Egittu, fejn izzewget fis-16 ta' Awwissu 2006 u li fil-11 ta' Settembru 2007 marret tghix fir-Renju Unit. Hi ma ghandhiex cittadinanza Brittanika pero' zewgha u binha ghandhom. Hi ghandha cittadinanza Egittzjana u hi residenti f'Malta. Hi ammettiet li fil-prezent hi mizzewga ma' ragel iehor u li skont il-ligi u l-konswetudini tal-Egittu meta il-mara terga' tizzewweg il-kura u l-kustodja tat-tfal tmur fuq ommha. Hi ma qablitx ma' domanda li saritilha li zewgha ma kienx jaf fejn kienet billi kienet qed tghix f'dar propjeta' ta' missieru. Hi baqghet tghix hemm ghal erba snin sakemm regghet izzewget. F'dawn l-erba snin zewgha kien jibghat il-manteniment ta' €50 fix-xahar b'mod irregolari. Zewgha ghandu negozju fl'Inghilterra ma' missieru u hu milljonarju.

L-attrici qalet li ma kellhiex 'travel documents' biex isiefer bit-tifel mill-Egittu; hu ghandu British passport u dan hi ggeddu fl-Ambaxxjata fl-Egittu. Ma ghandhiex bzonn il-firma tal-missier.

Missier il-konvenut kien hallas ghall-ispejjez tal-minuri meta dan ghamel xi zmien fl-isptar. Hi pero' thallas ghall-ispejjez kollha tat-tifel, ikel, xorb, hwejjeg, medicine u toys. Hi tonfoq xi €200 fix-xahar spejjez ghat-tifel.

Hi qalet li r-ragel prezenti taghha kien jigi mill-familja ta' ommha u ghandhom tifel jismu Adam.

B'sentenza tal-1 ta' Marzu 2017, li ghaddiet in gudikat, tal-Qorti Civili Prim'Awla fil-kawza fl-ismijiet inversi,[3] giet milqugha t-talba tar-ragel biex tigi reza esegwibbli s-sentenza u l-kuntratt tal-Qorti ta'Alessandrija fl-Egittu tal-10 ta' Frar 2008. Din is-sentenza tal-Qorti estera ordnat li l-kura u kustodja tal-minuri tghaddi favur in-nanna materna tat-tifel, cioe' omm l-attrici, wara li din iddivorzjat mill-ewwel ragel u regghet izzewget.

Il-Qorti Civili Prim'Awla wara li ccitat diversi decizjonijiet li ttrattaw l-Artikoli 826 u 827 tal-Kap. 12 ikkonkludiet li mhux il-kompitu tal-Qorti "la li tghaddi

[2] Fol 132 et seq.
[3] Fol 158 et seq.

gudizzju fuq il-kompatibilita’ tal-ligi estera mal-ordinament guridiku Malti u lanqas li tqabbel il-ligi estera ma’ dik Maltija”.

L-attrici, fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha,[4] iddikjarat li billi l-konvenut huwa cittadin u resident tar-Renju Unit, bhala cittadin tal-Unjoni Ewropeja huwa soggett ghad-disposizzjonijiet tar-regolament 4/2009 tat-18 ta’ Dicembru 2008 li jittratta dwar il-gurisdizzjoni, il-ligi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni tad-decizjonijiet u l-kooperazzjoni f’materji relatati ma’ obbligi ta’ manteniment. L-Artikolu 3 jghid li fi kwistjonijiet relatati ma' obbligi ta’ manteniment fl-Istati Membri, il-gurisdizzjoni ghandha tkun f’idejn:

(b) il-Qorti tal-post fejn il-kreditur ghandu r-residenza abitwali tieghu….

Hi s-sottomissjoni tal-attrici li billi l-minuri huwa residenti u domiciljat f’Malta, hija il-Qorti Maltija u mhux dik Egizzjana li ghandha tiddertermina il-kaz.

Il-konvenut fin-nota ta’ sottomissjonijiet tieghu,[5] ddikjara li fil-kawza fl-ismijiet inversi deciza mill-Qorti Egizzjana fl-10 ta’ Frar 2008 gie ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet u gie stabbilit li l-minuri kellu jirrisjedi mal-omm, u fil-kaz li din terga’ tizzewweg, tali kura u kustodja kellha tghaddi ghand in-nanna materna.

Il-Qorti ta’ Alessandria, fit-28 ta’ Mejju 2008 awtorizzat il-kuntratt ta’ separazzjoni personali tal-partijiet, l-omm giet akkordata l-kura u l-kustodja tal-minuri u kien gie stabbilit il-manteniment li kellu jhallas il-missier.

F’kawza ohra, ukoll fl-ismijiet inversi, deciza mill-Qorti Egizzjana fit-23 ta’ Settembru 2012 l-kura u kustodja essklusiva tal-minuri giet fdata f’idejn omm l-attrici, Zeinb Ibrahim F, billi l-attrici regghet izzewget, u skond din is-sentenza gie terminat l-obbligu tal-manteniment mill-missier.

Il-konvenut jissottometti li jekk l-attrici hasset ruhha aggravata bid-decizjoni tal-Qorti Egizzjana, kienet obbligata tirrikorri u tipprocedi f’dik il-Qorti u mhux quddiem il-Qorti Maltija li mhux il-kompitu taghha li terga’ tiftah l-indagini fuq il-mertu tal-kaz.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

[4] Fol 187 et seq.
[5] Fol 175 et seq.

L-attrici qed titlob li l-konvenut, li kienet izzewget fis-16 ta’ Awwissu 2006 fl-Egittu, u li wara isseparaw u iddivorzjaw, jigi ikkundannat ihallas manteniment ghall-binhom Zidan li twieled fir-Renju Unit fl-10 ta’ Marzu 2007, kif ukoll l-arretrati tal-manteniment u sehem mill-ispejjez ta’ sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-minuri.

Il-konvenut eccepixxa ‘inter alia’ li din il-Qorti m’ ghandhiex il-gurisdizzjoni li tisma din il-kawza, u l-Qorti li ghandha gurisdizzjoni hi dik ta’ Alessandria l-Egittu.

**Kompetenza tal-Qorti Determinata mit-Termini tar-Rikors Guramentat.**

In vena legali ssir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet **Victor Peralta et vs Maria armla minn Anthony Curmi et,** deciza 8 ta' Gunju 2005, fejn il-Qorti sahqet: “Huwa pacifikament konkordat illi “l-kompetenza tal-Qorti hi determinata fuq kollox, u qabel kull konsiderazzjoni ta’ l-eccezzjonijiet moghtija, mit-termini ta’ l-azzjoni attrici. Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha” [“**Frankie Refalo nomine -vsJason Azzopardi et**”, Appell, 7 ta’ Ottubru 1997]

Inoltre, huwa pacifikament accettat li l-ligijiet dwar il-kompetenza tal-Qrati huma ta' ordni pubbliku, u ghaldaqstant ma tistax issir deroga minnhom, lanqas bi ftehim bejn il-partijiet [vide in materja App. S. **Avukat Generali vs Kap tasServizz tas-Sigurta` et** deciza 7 ta' Mejju 2010 u App. Inf. **John u Vincenza mizzewwgin Spiteri vs Stephanie Spiteri pro et noe** deciza 20 ta' Ottubru 2003].

Necessarju ghalhekk qabel xejn li jigu delineati it-termini ta' l-azzjoni attrici.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici qeghda tadixxi lil din il-Qorti sabiex tordna lill-konvenut, li jirrisjedi gewwa r-Renju Unit u ghandu cittadinanza doppja, dik Egizzjana u dik Brittannika u li hu missier il-minuri li llum ghandu hdax-il sena u jirrisjedi mal-omm gewwa Malta, sabiex ihallas manteniment lill-omm fl-interess tal-minuri.

Il-konvenut qed jilqa' ghal din il-kawza billi preliminarjament eccepixxa illi l-Qrati Maltin m'ghandhomx gurisdizzjoni li jisimghu il-kawza odjerna stante li b'sentenza moghtija minn Qorti fl-Egittu fit-23 ta' Settembru 2012 l-attrici giet mcahhda mill-kura u kustodja fuq il-minuri li kienet giet moghtija lilha precedentement.

Jigi mill-ewwel rilevat illi l-mertu tal-kawza odjerna ma jikkoncernax il-kura u kustodja fuq il-minuri u lanqas dwar l-awtorita' ta' genitur fuq il-minuri. It-talbiet

attrici huma limitati ghad-dritt tal-minuri, li jirrisjedi gewwa Malta flimkien ma' ommu, li jigi wkoll mantnut minn missieru, li jirrisjedi gewwa r-Renju Unit u li ghandu cittadinanza sew Brittannika kif ukoll Egizzjana. Bhala stat ta' fatt il-minuri ilu jirrisjedi hawn Malta ghal dawn l-ahhar circa sitt snin flimkien ma' ommu wara li telqet bit-tarbija mill-Egittu konsegwenza tar-rivoluzzjoni li kien hemm f'dak iz-zmien.

Isegwi ghalhekk illi l 'habitual residence' tal-minuri hija Malta bhalma hi dik tal-attrici ommu.

Il-Qorti tiddikjara mill-ewwel illi l-eccezzjoni tal-konvenut illi huma l-Qrati fl-Egittu li ghandhom il-gurisdizzjoni esklussiva li jigu aditi minn azzjoni kontra l-missier ghall-manteniment tal-minuri hija infondata. Il-fatt li sentenza moghtija diversi snin ilu minn Qorti fl-Egittu li permezz taghha l-attrici giet svestita mill-kura u kustodja fuq il-minuri ma tirradikax fil-Qrati Egizzji gurisdizzjoni esklussiva fuq talba ghall-manteniment ghall-minuri meta huwa pacifiku bejn il-partijiet illi la l-genituri u wisq anqas il-minuri ma ghandhom ir-residenza abitwali taghhom gewwa l-Egittu.

Fis-sena 2008 il-partijiet iddivorzjaw fl-Egittu meta l-kura u kustodja tal-minuri giet affidata lill-omm b'obbligu fuq il-missier li jivversa manteniment ghall-minuri. It-tifel kien ghad ghandu sena. Minn dak iz-zmien il-missier ma zamm l-ebda kuntatt mal-minuri.

Il-konvenut jeccepixxi illi din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni fuq it-talba ghall-hlas tal-manteniment tal-minuri ghaliex fis-sena 2012 Qorti fl-Egittu akkordat il-kura u kustodja tal-minuri f'idejn omm l-attrici mhux ghaliex l-omm kienet ta' dannu ghall-minuri izda ghaliex wara d-divorzju tal-partijiet kienet regghet izzewget lil haddiehor.

Pero' tali decizzjoni ma tbiddel xejn mill-obbligu li l-missier ihallas lill-omm ghall-manteniment tal-minuri ghaz-zmien kollu li l-minuri kien u ghadu qed jirrisjedi mal-omm. F'idejn min kienet l-awtorita' ta' genitur f'dan iz-zmien hija kompletament irrilevanti. F'dawn is-snin kollha l-minuri kien jehtieglu illi sew jixrob kif ukoll jiekol, kellu bzonn jircevi l-edukazzjoni, jilbes hwejjeg adattati ghall-eta tieghu u jircevi kura medika kull meta jkun hemm bzonn.

Il-konvenut jallega li l-attrici giet hawn Malta bil-minuri "b'mod illecitu". Pero' ma jaghti l-ebda spejgazzjoni jew gustifikazzjoni ghaliex f'dawn is-snin kollha ma ttiehdu l-ebda passi legali fir-rigward. Il-konsegwenza ta' dan hi li sew l-attrici kif ukoll il-minuri llum ghandhom ir-residenza abitwali taghhom gewwa Malta.

Il-konvenut jeccepixxi u jissottometti illi l-Qrati Egizzji ghandhom il-gurisdizzjoni esklussiva illi jitrattaw it-talba attrici ghall-manteniment tal-minuri. Ma jaghti l-ebda raguni valida ghaliex skond hu huma biss il-Qrati fl-Egittu li ghandhom il-gurisdizzjoni esklussiva li jitrattaw u jiddeciedu talbiet ghall-manteniment tal-minuri meta l-konvenut stess ghandu r-residenza abitwali tieghu fir-Renju Unit filwaqt li l-attrici u l-minuri ghandhom ir-residenza abitwali taghhom gewwa Malta.. Il-Qorti tiddikjara bhala infondata u fierha l-eccezzjoni tal-konvenut illi huma l-Qrati fl-Egittu li ghandhom gurisdizzjoni esklussiva li jitrattaw talba ghall-manteniment tal-minuri li jirrisjedi f'Malta kontra l-missier li jirrisjedi fir-Renju Unit.

F'paragrafu numru 33 tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu il-konvenut issottometta illi "........la l-konvenut m'huwiex residenti jew prezenti f'Malta izda l-Ingilterra, fejn jahdem, jhallas it-taxxi kif ukoll kontribuzzjonijiet ta' Sigurta' Socjali, jkun iktar pacifiku li kieku tharrek fil-Qorti Ingiliza........"

Tali sottomissjoni ma taqbilx mal-eccezzjoni kif imresssqa mill-konvenut meta kif rajna jinsisti illi huma biss il-qrati fl-Egittu li ghandhom il-gurisdizzjoni esklussiva fuq il-mertu tal-kawza odjerna.

Izda, ghalkemm il-konvenut ma ressaqx eccezzjoni formali illi huma l-Qrati Inglizi li ghandhom gurisdizzjoni dwar il-mertu tal-kawza odjerna ad eskluzzjoni tal-Qrati Maltin, tenut kont illi eccezzjoni dwar gurisdizzjoni hija wahda ta' ordni pubbliku illi hija wkoll sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, il-Qorti ser tghaddi sabiex titratta jekk hux minnu li l-Qrati Inglizi ghandhom il-gurisdizzjoni fuq il-mertu tal-kawza ad eskluzzjoni tal-Qrati Maltin.

Kif rajna supra huwa l-attur li permezz tal-premessi u t-talbiet attrici li jistabbilixxi l-mertu tal-kawza minnu promossa. Il-kawza odjerna hija azzjoni fejn omm li flimkien ma' binha ilha tirrisjedi Malta ghal numru ta' snin qed tipprocedi kontra l-missier minnu divorzjata sabiex ihallas manteniment ghall-minuri.

Mhux kontestat li l-missier huwa cittadin Brittanniku u ilu jirrisjedi fir-Renju Unit ghal bosta snin, miz-zmien li l-partijiet kienu ghadhom jirrisjedu flimkien qabel iddivorzjaw.

Rilevanti huwa l-fatt illi sew ir-Renju Unit kif ukoll Malta huma stati membri tal-Unjoni Ewropea u bhala tali japplikaw fiz-zewg pajjizi ir-regolamenti u d-direttivi ewropew sakemm ma jkunx hemm in vigore xi deroga partikolari.

**Council Regulation (EC) No 44/2001 of 22 December 2000 on jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in civil and commercial matters**

Fir-rigward issir referenza ghar-Regolament Ewropew fuq imsemmi li jipprovdi kif gej:-

"Section 2

Special jurisdiction

**Article 5**

A person domiciled in a Member State may, in another Member State, be sued:

1. (a) in matters relating to a contract, in the courts for the place of performance of the obligation in question;

(b) for the purpose of this provision and unless otherwise agreed, the place of performance of the obligation in question shall be:

- in the case of the sale of goods, the place in a Member State where, under the contract, the goods were delivered or should have been delivered,

- in the case of the provision of services, the place in a Member State where, under the contract, the services were provided or should have been provided,

(c) if subparagraph (b) does not apply then subparagraph (a) applies;

**2. in matters relating to maintenance, in the courts for the place where the maintenance creditor is domiciled or habitually resident or, if the matter is ancillary to proceedings concerning the status of a person, in the court which, according to its own law, has jurisdiction to entertain those proceedings, unless that jurisdiction is based solely on the nationality of one of the parties;............."**

Il-kawza odjerna titratta biss pretensjoni ta' manteniment u ma hiex ancillari ghal xi proceduri dwar l-istat tal-persuna.

**Residenza Abitwali tal-Minuri**.

Rilevanti dak li ddikjarat il-Qorti tal-Appell fl-Ingilterra fil-kawza **Re N (Children) (Adoption: Jurisdiction) [2015]** EWCA Civ 1112] moghtija fit-2 ta' Novembru 2015.

"..................To be 'habitually resident' in a country you will require some degree of integration in that country. Whether or not a child is 'habitually

resident' in a particular country is essentially a question of fact. We can glean the following principles from the case law: (a) habitual residence is a question of fact and not a legal concept such as domicile. There is no legal rule akin to that whereby a child automatically takes the domicile of his parents. (b) The test adopted by the European Court is "the place which reflects some degree of integration by the child in a social and family environment" in the country concerned. This depends upon numerous factors, including the reasons for the family's stay in the country in question. (c) The test adopted by the European Court is preferable to that earlier adopted by the English courts, being focused on the situation of the child, with the purposes and intentions of the parents being merely one of the relevant factors. (d) The social and family environment of an infant or young child is shared with those (whether parents or others) upon whom he is dependent. Hence it is necessary to assess the integration of that person or persons in the social and family environment of the country concerned. (e) The essentially factual and individual nature of the inquiry should not be glossed with legal concepts which would produce a different result from that which the factual inquiry would produce. (f) It is possible that a child may have no country of habitual residence at a particular point in time."

Issir wkoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti Ewropea tal-Gustizzja:-**

**Judgment of the Court (Third Chamber) of 16 July 2015.**

**A.v. B**

**Request for a preliminary ruling from the Corte suprema di cassazione.**

**Reference for a preliminary ruling — Judicial cooperation in civil and commercial matters — Jurisdiction in matters relating to maintenance obligations — Regulation (EC) No 4/2009 — Article 3(c) and (d) — Matter relating to maintenance in respect of minor children concurrent with the parents' separation proceedings, brought in a Member State other than that in which the children are habitually resident.** :-

- omissis -

40 *By its nature, an application relating to maintenance in respect of minor children is thus intrinsically linked to proceedings concerning matters of parental responsibility.*

41 *With regard to the objectives pursued by Regulation No 4/2009, it should be noted that, according to recital 15, that regulation is aimed at preserving the interests of maintenance creditors and promoting the proper administration of justice within the European Union.*

42 *As regards the objective concerning the proper administration of justice, it should be observed that an application involving maintenance in respect of minor children is not necessarily linked to divorce or separation proceedings. Moreover, such proceedings do not necessarily lead to obligations to pay maintenance towards a minor child being imposed.*

43 *However, the court with jurisdiction to entertain proceedings concerning parental responsibility, as defined in Article 2(7) of Regulation No 2201/2003, is in the best position to evaluate in concreto the issues involved in the application relating to child maintenance, to set the amount of that maintenance intended to contribute to the child's maintenance and education costs, by adapting it, according to (i) the type of custody (either joint or sole) ordered, (ii) access rights and the duration of those rights and (iii) other factual elements relating to the exercise of parental responsibility brought before it.*

44 *The interests of maintenance creditors is therefore also guaranteed, in that, first, the minor child will easily be able to obtain a decision relating to his maintenance claim from the court with the best knowledge of the key elements for assessing his claim."*

Gialdarba l-minuri ghandu r-residenza abitwali tieghu hawn Malta il-Qorti Maltija ghandha l-gurisdizzjoni li tiddeciedi dwar il-manteniment dovut ghall-minuri kif ghandha wkoll il-gurisdizzjoni li tiddeciedi jekk tigi hekk mitluba dwar is-setgha tal-genitur u dan tenut kont dak li jipprovdi **Artikolu 8 tal-Brussels II bis**[6] fir-rigward tas-setgha ta' genitur:-

**SECTION 2**

**Parental responsibility**

**Article 8**

[6] Council Regulation (EC) No 2201/2003 of 27 November 2003 concerning jurisdiction and the recognition and enforcement of judgments in matrimonial matters and the matters of parental responsibility, repealing Regulation (EC) No 1347/2000

**General jurisdiction**

"1. The courts of a Member State shall have jurisdiction in matters of parental responsibility over a child who is habitually resident in that Member State at the time the court is seised.

2. Paragraph 1 shall be subject to the provisions of Articles 9, 10 and 12."

Artikoli 9, 10 u 12 ma humiex applikabbli ghall-fattispecie tal-kaz odjern.

Applikat il-premess ghall-kawza odjerna u tenut kont li l-minuri ghandu r-residenza abitwali tieghu gewwa Malta, huma l-Qrati Maltin li ghandhom il-gurisdizzjoni jiddeciedu talba ghall-hlas ta' manteniment fl-interess tal-minuri.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tichad l-eccezzjoni preliminari dwar il-gurisdizzjoni tal-Qorti sollevata mill-konvenut u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Spejjez ta' din is-sentenza rizervati ghall-gudizzju finali.

**Imhallef** **Deputat Registratur**